**ŻJARA TA' L-AĦĦAR TA' L-AMBAXXATUR LIBJAN LILL-ISPEAKER**

L-E.T. Dr Saad A. F. Elshlmani, Segretarju tal-Bureau tal-Poplu Libjan residenti f'Malta, żar lill-iSpeaker, l-Onor Dr Louis Galea, qabel aktar tard din il-ġimgħa jħalli Malta wara li jtemm il-missjoni diplomatika f'Malta bħala l-Ambaxxatur tal-Libja.

Dr Saad fisser is-sodisfazzzjon tiegħu għall-kollaborazzjoni u l-ħbiberija illi huwa rċieva mill-awtorità u l-poplu Malti tul is-snin li huwa serva f'Malta għan-nom ta' pajjiżu. B'mod partikolari huwa ried ifisser l-apprezzament għall-kollaborazzjoni li kellu mill-Parlament u Membri Parlamentari Maltin. Dr Saad qal li jieħu gost li qed iħalli r-rabtiet u r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi u popli fi stat tajjeb ħafna u ta' ġid reċiproku.

Dr Louis Galea rringrazzja lil Dr Saad għall-ħidma u l-impenn tiegħu biex isaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Lilbja u awguralu aktar suċċess fil-pożizzjoni li issa ser ikollu fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin fil-Libja.

**DOI – 02.09.2008**